KUNSILL LOKALI BIRŻEBBUĠA

**MINUTI**
**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Birżebbuġa**
**8 LEĠIŻLATURA**
**Laqgħa Numru 79**

**It-Tlieta, 9 t'April 2024**

Il-Kunsill Lokali Birżebbuġa ltaqa' għal-Laqgħa Annwali ġewwa l-uffiċċju amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz: Dar Birżebbuġa, Triq Santa Marija, Birżebbuġa, fil-17:30.

**PREŻENTI**:

| | | |
|---|---|---|
| Is-Sur | Scott Camilleri | Sindku |
| Is-Sa | Josette Busuttil | Viċi Sindku |
| Is-Sur | Alex Caruana | Kunsillier |
| Is-Sa | Maria Mifsud | Kunsilliera |
| Is-Sur | Simon Buttigieg | Kunsillier |

**ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A):**

| | | |
|---|---|---|
| Is-Sur | Joseph Farrugia | Kunsillier |
| Is-Sa | Doriana Portelli | Kunsilliera |
| Is-Sur | Johann Borg | Kunsillier |

**ASSENTI:**

| | | |
|---|---|---|
| Is-Sur | Carlo Stivala | Kunsillier |

**UFFICJALI PREŻENTI:**

| | | |
|---|---|---|
| Is-Sur | Jordy Brincat | Segretarju Eżekuttiv |
| Is-Sa | Doreen Mintoff | Accountant tal-Kunsill |

**MEMBRI MILL-PUBBLIKU:**
Erba' (4) persuni

## 79.01 Qari t'ittri t'apoloġija

**79.01.01** Il-Kunsilliera Doriana Portelli talbet sabiex tiġi skużata mis-seduta tal-lum minħabba raġunijiet personali. Din it-talba ġiet aċċettata mill-kunsilliera kollha preżenti.

**79.01.02** Il-Kunsillier Joseph Farrugia talab sabiex jiġi skużat mis-seduta tal-lum minħabba raġunijiet ta' saħħa. Din it-talba ġiet aċċettata mill-kunsilliera kollha preżenti.

**79.01.03** Il-Kunsillier Johann Borg talab sabiex jiġi skużat mis-seduta tal-lum minħabba raġunijiet ta' saħħa. Din it-talba ġiet aċċettata mill-kunsilliera kollha preżenti.

**79.01.04** Is-Sindku Scott Camilleri qal li ma wasal l-ebda komunikat mingħand il-Kunsillier Carlo Stivala. Dan il-kunsillier issa ilu għal diversi seduti ma jattendi laqgħat. Fil-ġimgħat li għaddew is-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat bagħat lid-Diviżjoni, però s'issa għadu ma rċieva l-ebda deċiżjoni. Għalhekk dan il-kunsillier se jkun qed jiġi mniżżel assenti mil-laqgħa tal-lum.

## 79.02 Introduzzjoni mis-Sindku Scott Camilleri

**79.02.01** Is-Sindku Scott Camilleri ippresjeda l-laqgħa annwali. Hu beda billi rringrazzja lill-kunsilliera u lis-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat li kienu preżenti għal din il-laqgħa. Irringrazzja wkoll lill-erba' residenti li attendew għal-laqgħa annwali. F'din l-introduzzjoni huwa qal li minkejja l-isfidi li ġabet magħha l-pandemija fis-snin li għaddew, il-Kunsill xorta baqa' għaddej bix-xogħlijiet u ta l-massimu tiegħu fejn tidħol tmexxija tal-lokalità. Huwa qal li fir-rapport amministrattiv se jingħata rendikont ta' ħidmet il-Kunsill Lokali matul is-sena li għaddiet u kif ukoll se tingħata ħarsa lejn il-qagħda finanzjarja tal-Kunsill Lokali mill-accountant tal-Kunsill is-Sa Doreen Mintoff.

## 79.03 Qari tar-rapport amministrattiv għas-sena 2023

**79.03.01** Is-Sindku Scott Camilleri qara u spjega r-rapport amministrattiv li ġie mħejji u approvat fl-aħħar seduta mill-kunsilliera, fejn fost oħrajn semma kif ġie fformulat il-Kunsill mill-2019 sal-2024. Huwa sellem ukoll il-memorja tal-membri tal-Kunsill li, sfortunatament, ħallewna f'dan il-perjodu. Is-Sindku Scott Camilleri awgura lill-kandidati kollha għall-elezzjoni tal-Kunsilli Lokali. Kopja ta' dan ir-rapport tinsab annessa ma' dawn il-minuti bħala 'Dok A'.

## 79.04 Qari tar-rapport finanzjarju għas-sena 2023

**79.04.01** Is-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat talab lill-accountant tal-Kunsill is-Sa Doreen Mintoff sabiex tagħti spjegazzjoni tar-rapport finanzjarju tal-Kunsill għas-sena 2023. Kopja ta' dan ir-rapport tinsab annessa ma' dawn il-minuti bħala 'Dok A'.

## 79.05 Intervent mill-pubbliku

**79.05.01** (Resident 1) tkellem dwar in-nuqqas ta' sleeping police ġewwa l-Qajjenza fejn kawża t'hekk qed jinħolqu diversi inċidenti, fejn fosthom kien involut huwa stess. Huwa qal li dwar din tkellem mal-Kunsillier Alex Caruana.

- *Is-Sindku Scott Camilleri wieġeb li rċivejna min-naħa ta' Transport Malta u ġie konkluż tender ġdid fejn din se ssir mal-ewwel grupp.*

**79.05.02** (Resident 1) tkellem dwar is-slipway tal-Qajjenza. Huwa qal li kien ilu jitkellem biex issir slipway u kien iddeċieda li jagħmel waħda temporanja hu.

- *Is-Sindku Scott Camilleri wieġeb li din ġiet diskussa fil-laqgħa tax-xahar l-ieħor u li l-Kunsill jaqbel li jkun hemm slipway. Huwa spjega li l-Kunsill talab għal laqgħa mal-awtorità konċernata.*

**79.05.03** (Resident 1) talab għal beach furniture fil-Qajjenza.

- *Is-Sindku Scott Camilleri wieġeb li dawn se jsiru fis-sajf.*

## 79.06 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

**79.06.01** Il-Laqgħa Annwali 2024 tal-Kunsill Lokali ta' Birżebbuġa ntemmet fis-18:30 wara li ġiet mgħoddija l-aġenda kollha. Is-seduta tal-Kunsill hi aġġornata għal nhar it-Tlieta, 16 t'April 2024, fil-17:30.

**Ikkonfermati llum it-Tlieta, 16 t'April 2024.**

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| ______________________ | ______________________ |
| **Scott Camilleri** | **Jordy Brincat** |
| *Sindku* | *Segretarju Eżekuttiv* |